MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 537/2000/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Pauline Orsini**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm568.67) bilanc ta' somma aktar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perijodu mit-23 ta' Dicembru 1998 sat-23 ta' Awissu 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici peress illi hija qatt ma ghamlet uzu mis-servizz allegatament provdut mis-socjeta' attrici;

2. Illi, sa fejn taf l-eccipjenti, s-servizz in kwistjoni gie provdut lil zewgha Daniel Orsini li minnu hija legalment separata permezz ta' kuntratt datat 26 ta' April 1992 in atti tan-nutar Dottor Alex Sciberras Trigona u ghalhekk hija minn issa titlob il-kjamat fil-kawza tieghu.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 22 kif ukoll in-nota ta' riduzzjoni a fol 25.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, xehdet <u>Sharon Calleja</u> (fol 23 sa fol 25 tal-istess atti). Din, l-ewwel nett, ikkonfermat li a fol 21 ibid jinsab anness il-ftehim bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta sabiex din tinghata access ghall-uzu ta' telefon cellulari da parti tas-socjeta attrici. Inoltre l-istess xhud, b'referenza ghat-talba in esami kif dedotta mill-istess avviz u a basi tad-dokument anness a fol 20 ibid, spjegat li, kif rizultanti mill-istess ftehim imsemmi, l-konvenuta kienet hallset "deposit" ta' Lm50, liema ammont kellu jitnaqqas mill-istess somma pretiza fl-avviz. Ghalhekk ix-xhud ikkonfermat l-bilanc dovut mill-konvenuta kien jammonta ghal <u>Lm518.67,0.</u>

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuta, meta xehdet, prodotta ghas-subizzjoni (ara fol 9 u fol 12 ibid) semplicement sostniet “li jiena ma ghandi naghti xejn lis-socjeta’ attrici”.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma, hekk ridotta, ta’ Lm518.67,0. In rigward dan, jigi rilevat li fl-istess nota ta’ eccezzjonjiet imsemmija jinghad testwalment “…. Li minnu (ossija zewgha Daniel Orsini) hija legalment separata permezz ta’ kuntratt datat 26 ta’ April 1992 in atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona …..” waqt li s-servizz in esami kien gie provdut permezz tal-imsemmi ftehim li ggib id-data tas-27 ta’ Novembru 1998 (ara fol 21 ibid) u l-kont in esami jkopri l-perijodu bejn it-23 ta’ Dicembru 1998 sat-23 ta’ Awissu 1999, f’liema zmien, il-konvenuta kienet “ex admisses” di gja separata legalment.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm518.67,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ April 2000 sad-data tal-pagmaent effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja msemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------